**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Laqgha Numru 19/K7/2014 - Laqgha tal-lokalita'**

**Introduzzjoni**

Id-Dsatax-il Laqgha tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2014 li saret nhar il-Hamis 18 ta' Dicembru 2014.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-6.30pm.

Prezenti: Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon, il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Charles Cesare, l-Ambaxxatur Lokali ghaz-Zghazagh Kurt Mizzi u s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Mark Causon kien assenti.

Fuq talba tal-Kunsill, kien hemm prezenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill Romina Perici Ferrante u l-Contracts Manager Raphael Carabott.

Ghal-laqgha kien hemm prezenti 23-il persuna. **(Ara Dok. 1 u 2)**

Is-Sindku Dean Hili nforma lil dawk prezenti li l-laqgha kienet qed tigi streamed live fuq is-sit tal-Kunsill www.pembroke.gov.mt. Il-kelliem qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fis-17 ta' Dicembru 2014. L-Agenda kienet:

1. **Rapport ta' hidma ghas-sena 2014.**
2. **Estimi Finanzjarji 2015.**
3. **Mistoqsijiet u suggerimenti.**

## 01. Rapport ta' hidma ghas-sena 2014.

1.01. Is-Sindku Dean Hili qara rapport ta' hidma ghas-sena 2014. **(Ara Dok 3)**

## 02. Estimi Finanzjarji 2015.

2.01. Is-Sindku Dean Hili talab lill-Accountant Romina Perici Ferrante biex taqra l-Estimi Finanzjarji ghas-sena 2015. Wara ressaq ghad-diskussjoni tar-residenti l-istess Estimi. **(Ara Dok. 4)**

## 03. Mistoqsijiet u suggerimenti.

3.01. Is-Sindku Dean Hili talab lil dawk prezenti biex iresqu l-kummenti u s-suggerimenti taghhom.

3.02. Andrea Stellato – Ilu snin jitlob l'issir Triq G. Henin bit-tarmak peress li meta jaghmel il-maltemp jghereq apparti li quddiemu l-art hija qisa hofra u kellu jgholli l-bankina bil-permess ta' l-ex Sindku Joe Zammit. Il-kelliem irrimarka li l-Kunsill precedenti kien hareg it-tender izda baqa' qatt ma sar xejn u llum il-gurnata lanqas jista' jaghmel uzu mill-garaxx. Il-kelliem irrimarka li sahansitra kien mar ghandu l-Perit tal-Kunsill u kien qallu li kellha ssir it-triq kollha.

3.03. Is-Sindku Dean Hili – Il-Kunsill precedenti kien ikkummissjoni rapport minhabba li kien hemm skema tal-PPP, liema skema jirrizulta li kull min dahal ghaliha spicca qed ibghati finanzjarjament. Il-kelliem irrimarka li l-informazzjoni li ghandu l-Kunsill minghand il-Perit hija li mhux sempliciment tarmak izda trid tinbena triq mill-gdid bi spiza ta' madwar €350,000 ghal triq wahda. Dan is-suggett gie diskuss ukoll ma' l-Onor. Ministru Joe Mizzi.

3.04. Norman Farrugia – (1) X'ser jaghmel il-Kunsill dwar l-overspeeding fi Triq il-Mediterran, ghaliex m'issirx speed camera ghas-sigurta' tan-nies. (2) Il-problema tal-hmieg tal-klieb, jista' jsir xi haga specjalment fuq ic-cycle path? (3) Talab li ma jinqatax il-haxix ta' Triq il-Mediterran.

3.05. Is-Sindku Dean Hili – Dwar speeding fi Triq il-Mediterran, il-Kunsill ghamel laqgha pubblika mar-residenti koncernata u kull ma kien gie kienet persuna wahda biss, fejn kulhadd irid ir-road humps izda hadd ma jridhom quddiemu. Dwar speed camera din issir mir-Regjun wara li jkun inkiseb il-permess ta' TM. Il-kelliem irrimarka wkoll li l-infurzar ma jistax isir mill-Kunsill minhabba li din hija delega tar-Regjun. (2) Il-Kunsill qed jitlob li jittiehdu passi kontra min jabbuza. Saru tabelli fuq suggerimenti tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat u l-Kunsill ha hsieb l'installa numru ta' Dog Litter Bins. (3) Il-Kunsill ta struzzjonijiet lill-kuntrattur biex il-haxix ma jinqatax ghalissa.

3.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat – Irrimarkat li l-haxix m'ghandux jinqata' f'dan iz-zmien tas-sena.

3.07. Joe Vella Brincat – L-unika road hump li hemm int u gej minn hdejn il-Melita FC lejn Triq il-Mediterran hija vera effettiva. Hemm bzonn ukoll li jsir xi tip ta' intervent biex jitrazzan it-traffiku fit-toroq li minn Triq il-Mediterran jinzel lejn il-kosta.

3.08. Domnic Attard - Hemm wire tad-dawl temporanju mad-dar tieghu l'ilu hemm aktar minn 5 snin.

3.09. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg – Il-kaz huwa rrappurtat lill-Korporazzjoni Enemalta.

3.10. Mario Zerafa – Inkonvenjent minn hedges li hemm jesporgu minn propjetajiet privata. Jista' l-Kunsill jinforza u jiehu passi kontra min qed jistokola l-bankina. Triq Mons. Mifsud Tommasi tista' tigi One way peress li hija blind corner? Hemm possibilita' li l-bankina ta' Triq Patri A. Tonna Barthet tigi rrangata peress li mkissra?

3.11. Is-Sindku Dean Hili – Dwar il-hedges kien hemm ilmenti li l-Kunsill kiteb fuqhom u kien hemm min ikkopera. Il-Kunsill ghandu rapport minghand il-CM biex il-Kunsill jara fejn hemm minnhom biex tingibed l-attenzjoni tar-residenti koncernata. Dwar Triq Mons. Mifsud Tommasi il-Kunsill ghamel laqgha ta' konsultazzjoni mar-residenti koncernati u r-residenti bejniethom ma qablux kif tista' ssir. Dwar il-bankina l-Kunsill jivverifika u jara x'jista' jsir.

3.12. Joe Grech – Meta ser isiru t-traffic lights fi Triq il-Profs. Walter Ganado.

3.13. Is-Sindku Dean Hili – Dan ix-xoghol ghandu jsir minn TM.

3.14. Godwin Said – It-tabelli ta' hdejn il-bahar issaddu u spiccaw, hemm min ghandu klieb fil-parapetti li l-min ikun fuq il-bankina jinhasad meta jghaddi minn fuq il-bankina. Jista' jsir xi haga?. Dwar il-fondi relatata mal-Gemellaggi hemm il-hsieb li jsir xi haga.

3.15. Is-Sindku Dean Hili – Ladarba klieb ikunu fi propjeta' privata l-Kunsill ma jistax jidhol fiha. Dwar safar relatat mal-Gemellagg jista' jsir xi haga. Dwar safar ingenerali izda hemm prassi li ntroduca s-Sindku meta lahaq ftit anqas minn 2 ilu, li hadd mill-membri tal-Kunsill ma jsifer ghas-spejjez tal-Kunsill sakemm il-fondi ma jkunux irkuprati minn xi fondi minbarra l-Kunsill.

3.16. Alfred Vidal – (1) Il-problema tal-culvert tar-rampa ta' Triq Sir Luigi Preziosi huwa mizdud u l-ilma jaqbez fit-triq (2) Fit-triq tieghu hemm problema ta' parking filghodu mill-iskola u filghaxija minhabba l-isports (3) Qed ikun hemm karozzi pparkjata quddiem il-Bring In Sites u ghalhekk hadd ma jista' jieqaf biex juza l-Bring In Sites.

3.17. Is-Sindku Dean Hili – (1) dwar il-culvert ser jigi nfurmat il-kuntrattur (2) dwar il-hinijiet tal-parkegg ghalissa ma jista' jsir xejn minhabba li l-iskema tar-Residential Parking hija wieqfa ghalkemm il-Kunsill talab lill-iskola sports biex ladarba jitlesta l-progett jinkludi parkegg ghall-ghalliema fl-iskola stess (3) meta jkun hemm problema nforma lill-Kunsill biex l-AO jirraporta u jittiehdu passi.

3.18. Is-Sindku Dean Hili ghalaq il-laqgha fit-8.15pm.

13/1/15

Avv. Dean Hili
*Sindku*

Kevin Borg
*Segretarju Ezekuttiv*

KEVIN BORG
Executive Secretary

# Laqgha tal-lokalita' 18/12/2014

| Isem | Kunjom | Indirizz | Mobile | Firma |
|---|---|---|---|---|
| Joe | Grech | Dr B, Flt 5, Triq Juno | 99882408 | Joe Grech [signature] |
| Michael | Spiteri | Blk 6, Hse 3, Triq Dun Gużepp Farrugia | 99802927 | [signature] |
| Joe | Vella Bruncat | | 79205822 | [signature] |
| Mario | Farrugia | 12, Triq l-Isqof A. Porelli | 21372643 | M. Farrugia |
| Raphael | Cauchi | Blk 2, Flt 7, Triq il-President A. Buttigieg | 79057046 | [signature] |
| Rose | Cauchi | " " | 79057046 | Rose Cauchi |
| Josette | Hili | Ranges of M.M. DeBruncat Pembroke | 99222105 | [signature] |
| C. | Hili | " " " | 99499096 | |
| Dominic | Attard | 10, Triq l-Isqof A. Porelli | 79378589 | [signature] |
| Alfred | Vidal | Blk 4, Flt 7, Triq Sir Luigi Preziosi | 79853809 | [signature] |
| Andrea | Sellato | 13, Triq Gabriele Henin | 79450830 | [signature] |
| Jerry | Azzopardi | Blk 5, Hse 3, Tregiet Pawl Odorik Grima | 79777555 | [signature] |
| Grace | Azzopardi | | | G Azzopardi |
| Godwin | Said | 54, Triq l-Isqof A. Porelli | 99806443 | [signature] |

KEVIN BORG
Executive Secretary

Dok1

577

Dok 2

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Norman | Farrugia | 35, Triq il Mediterran | 79556575 | [signature] |
| Mario | Zerafa | Fatima, Triq P. A. T. B | 99479997 | [signature] |
| Carmen | Zerafa | Fatima. Triq Patri A. T. B | 99479997. | C Zerafa |
| Mary | Salafia | 3. Triq Prof. Jos E. Debono. | | [signature] |
| Godwin | Zarb | 82 Triq il Mediterran | 99885192 | [signature] |
| Martese | Zarb | | | [signature] |
| Joe | Zammit | 38 Angelu Portelli Street | 79372642 | [signature] |
| Sabrina | Farrugia | 19. Triq l-Isqof A. Portelli. | | S. Farrugia |
| Paul | BALDACCHINO | 40, MITROVICH STR | 9943 5582 | [signature] |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |
| | | | | |

KEVIN BORG
[illegible]

576

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# 2014 – Rapport ta' ħidma mis-Sindku Dean Hili

**Sinjuri,**

Issa li dħalna fit-tieni sena ta' ħidma ta' Kunsill immexxi minni f'dina l-leġislatura, nistgħu ngħidu li għalkemm komplejna fuq il-ħidma fejjieda tas-sena l-oħra, kienet sena fejn il-Kunsill sab saqajħ aktar fil-ħidma tiegħu b'risq il-komunita' ta' Pembroke. Ċertament wieħed dejjem jidħol għax-xogħol fil-Kunsilli mimli enerġija u ideat personali għalkemm meta wieħed jibda jixtarr b'mod aktar konkret l-operat tal-Kunsilli u l-liġijiet li jirregolaw il-ħidma tiegħu, faċilment dak li jkun jaqta' qalbu mill-isfidi li niltaqgħu magħhom. Minkejja kollox, Kunsill żgħir bħal tagħna għamel l-almu tiegħu kollu, u bil-limitazzjonijiet tagħna komplejna fejn ħallejna, u ħdimna mal-entitajiet kollha tal-lokal b'risq il-komunita' li ġejna nkarigati nirrapreżentaw.

Din is-sena kienet is-sena fejn wara ħafna żmien ta' stennija, l-Kunsill Lokali għaraf jaħdem bil-għaqal sabiex jakkwista l-fondi bżonjużi tal-MEPA, speċifikament mill-fond UIF sabiex b'hekk il-Kunsill embarka fuq biċċtejn xogħol l'ilhom xi żmien pendenti – senjatament ix-xogħlijiet ta' rinovar ta' tnejn mill-ġonna prinċipali li għandna fil-lokalita' - Ġnien Madre Tereża ta' Kalkutta, biswit iż-żona tal-iskola primarja, u Ġnien l-4 ta' Lulju, biswit iż-żona tal-Luxol grounds.

Indubjament biċċtejn xogħol li okkupaw lill-Kunsill għal diversi xhur u b'sens ta' sodisfazzjon ngħid li ormai ninsabu biss ftit ġimgħat il-bogħod sakemm dawn iż-żewġ proġetti jiġu konklużi b'mod definittiv.

Minkejja dan il-Kunsill ikkummisjona wkoll rapporti dwar l-istat tal-latrini pubbliċi kollha li għandna fil-lokalita' tagħna, ewlenin fosthom il-latrini li jinsabu f'dawn iż-żewġ ġonna hawn fuq imsemmija. Sfortunatament jingħad li snin ilu meta nħareġ it-tender għar-rinovar tal-ġonna, l-istess ġonna ma kellhomx il-ħtieġa li jsir ukoll xogħol ta' manutenzjoni tal-latrini minħabba li sa dak iż-żmien, ftit snin ilu, l-istat tagħhom kien wieħed sodisfaċenti u aċċettabbli. B'sens ta' dieqa ngħid li dawn il-latrini tħallew imorru lura f'dawn l-aħħar snin sa ma llum ninsabu f'sitwazzjoni fejn prattikament hemm bżonn urġenti ta' manutenzjoni estensiva. Ammont sostanzjali ta' materjal diġa jinsab fil-pussess tal-Kunsill u bħalissa qegħdin fil-proċess li nikkonkludu fuq il-kwotazzjonijiet miġbura sabiex il-Kunsill jakkwista l-apparat rimanenti bħal toilets, flushings, twieqi ġodda eċċ. sabiex eventwalment isir ix-xogħol meħtieġ.

Id-deċiżjonijiet f'dan ir-rigward diġa wkoll ittieħdu fuq livell ta' Kunsill u fil-preżent aħna kommessi li dan ix-xogħol isir mingħajr dewmien. Issa li l-Kunsill ikkonkluda x-xogħlijiet fuq il-ġonna ewlenin tiegħu li kollha huma attrezzati bi *play equipment* modern u ta' livell għoli, jeħtieġ li jingħalaq iċ-ċiklu u l-istess ġonna jkunu attrezzati b'latrini adegwati.

Il-livell tat-tabelli tat-toroq kien ukoll waqa' xi ftit lura. Kien għalhekk li l-Kunsill ħa ħsieb iħejji rapport tal-istat tat-tabelli kollha li għandna fil-lokalita', sabiex konna f'pożizzjoni nipproponu l-pass li jmiss. Għad fadal ħafna xogħol xi jsir iżda ħassejna li jkun għaqli li nibdew primarjament mill-ismijiet tat-toroq kollha, u sinjali ta' STOP – spiża li effettivament ġiet tqarreb it-€8,000.

Fil-ġimgħat li għaddew il-Kunsill, wara li għal dawn l-aħħar snin għamel użu mis-servizzi ta' kollettur partikolari, kien jeħtieġlu joħroġ it-tender tal-ġbir tal-iskart mill-ġdid, kif ċert li stajtu lkoll tinnotaw. B'sens ta' sodisfazzjon ngħid li l-Kunsill ħa l-ħin tiegħu, iltaqa' mal-offerenti kollha sabiex jifhem aħjar is-sottomissjonijiet u l-kontenut tal-offerti kollha, u

għamel deċiżjoni nformata, trasparenti u dettaljata, għalkemm kulħadd jaf x'inhi s-sitwazzjoni f'diversi lokalitajiet u b'liema mod dawn it-tenders qiegħdin jiġu kkontestati. Kien għalhekk li llum qiegħdin f'pożizzjoni komda sabiex ngħidu li saret transizzjoni minn kollettur għal ieħor mingħajr xkiel ta' xejn, wara li ma ġie sottomess l-ebda appell mingħand l-ebda offerent. Ninsabu tassew kuntenti u ndubjament illum kulħadd jista` jinnota li s-servizz huwa wieħed ta' livell għoli ħafna. Bil-biċċa xogħol siewja li saret fuq dan it-tender, il-kitba, ħruġ, u l-aġġudikar tiegħu, il-lokalita' sejra tkun qiegħda tgawdi s-servizzi ta' kollettur b'vetturi ta' livelli għolja ħafna.

Il-Kunsill matul is-snin dejjem saħaq fuq l-indafa, partikolarment minħabba l-artijiet pubbliċi kollha li għandna x-xorti ngawdu madwarna. Din l-aħħar sena rat lill-Kunsill jaħdem flimkien mal-MTA sabiex ic-*cycle track* li tgħaddi minn ġol-isbaħ parti protetta tal-kampanja f'Pembroke tingħata aktar prominenza, wara li ġiet uffiċjalment inawgurata mill-Onor. Edward Żammit Louis. Rat ukoll l-installazzjoni ta' numru ta' *bins* f'siti pubbliċi, u kif ukoll *dog litter bins* fit-toroq l-aktar prominenti tal-lokalita' u l-pajsaġġ ta' Pembroke sabiex kemm jista' jkun ix-xogħol tajjeb li llum qiegħed isir mill-kuntratturi nkarigati mit-tindif pubbliku jiġi kkonsolidat u tinżamm aktar indafa.

L-inizjattivi favur l-identita' tal-lokalita' komplew ukoll b'diversi siġar li ġew imħawwla madwar Pembroke u b'sodisfazzjon ngħid ukoll li konna waħda mill-lokalitajiet li ħawwilna numru ta' siġar li ġew rilokati minn Triq il-Kosta għal ġewwa Pembroke. Fuq inizjattiva tal-kumpless Baystreet saret ukoll *clean-up* f'żona partikolari tal-lokalita' u ġew għal darb'oħra mħawwla siġar ġodda. Saret prassi tal-Kunsill li entitajiet li jitolbu li jagħmlu użu minn parti jew oħra tal-lokalita` għal skopijiet tagħhom jiġu mitluba jħawlu siġar bħala kontribuzzjoni lill-lokalita` li tkun laqathom, u b'hekk dejjem insebħu l-ambjent ta' madwarna.

Indubjament il-maġġor parti tar-residenti japprezzaw dawn l-isforzi u għandhom tassew l-ambjent tagħna għal qalbhom tant li għal darb'oħra l-lokalita' tagħna rebħet il-Best Overall Performance fil-GreenPak Awards għal dak li għandu x'jaqsam ma skart riċiklabbli. Ta' dan ngħidilkom grazzi, u prosit mill-qalb – j'alla nibqgħu dejjem inkunu ma ta' quddiem.

Matul l-aħħar sena rajna waħda mill-wegħdiet tal-Gvern tħalli l-frott tagħha f'Pembroke. Bl-għajnuna tal-Kunsill, l-BMX Malta organnizzaw il-ftuħ uffiċjali tal-*indoor skate park* fejn il-kuntratturi tal-Kunsill impenjaw ruħhom sabiex sar xogħol ta' tindif estensiv fiż-żona li sa ftit snin ilu ma kienetx tiġi utilizzata bl-ebda mod. Illum, iż-żgħażagħ tagħna għandhom sit ieħor fejn jipprattikaw dan l-isport, u matul is-sena kollha. Ta' min ifakkar ukoll li preżenti għall-ftuħ uffiċjali kien hemm ukoll il-Ministru l-Onor. Michael Farrugia, u l-Onor. Prim Ministru Joseph Muscat.

Propju f'dawn l-aħħar xhur ukoll ġie konkluż proċess li jmur lura numru ta' snin, fejn ir-residenti ta' Sit A, żona tal-Housing viċin l-akwati ta' San Ġorġ ser jibdew igawdu minn dawl ġdid li ormai ġie nstallat u jinsab mixgħul. Wara li dawn il-propjetajiet ġew mibjugħa xi snin ilu jidher li x-xogħol tħalla xi ftit nofs leħja mingħajr l-anqas ma ġie nstallat dawl fil-parti tal-landscaping, b'detriment għas-sigurta' tar-residenti. Il-Kunsill ħass li din kienet inġustizzja kbira max-xerrejja ġenwini u sa mill-ewwel ftit ġranet beda pressjoni mal-Awtorita' tad-Djar sabiex din l-anomalija tiġi ratifikata. Bi pjaċir ngħid li wara numru ta' laqgħat, illum qed naraw li dan id-dawl, bl-għajnuna wkoll tal-Enemalta, ġie mqabbad mad-dawl tat-toroq, bil-konsum jassumih il-Gvern, l-ispiża tal-infrastruttura baqgħet tal-Awtorita' tad-Djar, u l-Kunsill illum qiegħed jassumi l-manutenzjoni kollha li ser ikun hemm bżonn. Minn hawnhekk għal darboħra l-Kunsill jirringrazzja lill-Awtorita' tad-Djar li kkooperat bis-sħiħ mal-Kunsill f'din il-kwistjoni u daħlet għal spiża li telgħet għal madwar €20,000.

Dan il-Kunsill ħa ħsieb ukoll jorganizza diversi attivitajiet sportivi, filantropiċi u oħrajn soċjali. Rajna fost oħrajn l-attivitajiet ta' ġbir ta' ħwejjeġ b'risq l-Inspire, l-attivitajiet relatati ma' Jum il-Lokal, u l-parteċipazzjoni mill-ġdid tal-Kunsill fil-MOVE Week 2014 fejn ġiet organizzata mixja għar-residenti li ġew inkoraġġiti jagħtu donazzjoni ta' €2 għall-Istrina. Sar ukoll għall-ewwel darba f'dan il-Kunsill, party għat-tfal fi żmien il-Karnival.

Ġew estiżi l-ħinijiet tal-librerija b'dan illi l-Kunsill jinsab ukoll fi trattattivi sabiex din tiġi estiża, u jekk ikun hemm il-ħtieġa, rilokata sabiex dejjem tkompli tifjorixxi.

Dan il-Kunsill jemmen li bil-limitazzjonijiet tiegħu, l-uffiċini għandhom iservu wkoll skop edukattiv. B'dan il-ħsieb saru diversi korsijiet flimkien mal-Malta Communications Authority f'dak li għandu x'jaqsam mal-korsijiet tat-tagħlim tal-kompjuter.

Konna wkoll parteċipi u tajna l-kontribut tagħna fl-organizazzjoni tal-ewwel edizzjoni tas-Science Safari 2014 organizzat mill-Pembroke Science Centre. Preżenti wkoll għal din l-attivita' kien hemm l-Onor. Evarist Bartolo; attivita` tassew interessanti li hemm il-ħsieb li tittella` għal darb'oħra s-sena d-dieħla.

Saru diversi laqgħat importanti wkoll, partikolarment laqgħat mar-residenti Blokk 4, Triq Sir Luigi Preziosi sabiex ġew indirizzati l-ħsibijiet tagħhom fil-preżenza tal-periti tal-FTS rigward l-iżvilupp tal-iskola nazzjonali tal-isport. Saret ukoll laqgħa mal-Onor. Chris Cardona sabiex il-Kunsill kien f'pożizzjoni jressaq il-kummenti u s-suġġerimenti tiegħu rigward l-iżvilupp tal-White Rocks, kif ukoll jinforma ruħu dwar il-ħsibijiet tal-Gvern għal din iż-żona partikolari. Saret laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika fil-preżenza tal-Ex-Ministru Emanuel Mallia dwar il-bon ordni fil-lokalita'. Illum il-ġurnata wkoll il-Kunsill qiegħed ikun parteċipi fl-*isteering committee* mwaqqaf mill-MTA dwar il-Pembroke Garigue Park. Dan il-Kunsill jemmen li m'għandux biss ikun Kunsill ta' manutenzjoni izda



S21

wieħed li jkun pro-attiv u joħroġ huwa bl-ideat tiegħu sabiex niżguraw li l-lokalita` tiżviluppa b'mod xieraq.

Din is-sena ġew ukoll organizzati l-Pembroke Swieqi Road Races mis-sezzjoni tal-Atletika fi ħdan il-Pembroke Athleta Sports Club, propju l-għoxrin edizzjoni. Il-Kunsill għal darb'oħra ħa ħsieb jgħin fil-promozzjoni ta' din l-attivita' li mill-ġdid kienet suċċess kbir għall-klabb.

Din is-sena reġa' wkoll twaqqaf il-Kunsill taż-żgħażagħ. Parteċipi fuq l-istess Kunsill hemm l-ambaxxatur lokali għaż-żgħażagħ, is-sur Kurt Mizzi li minn żmien għal żmien qiegħed jiġi mistieden jikkontribwixxi bit-talenti tiegħu fix-xogħol tal-Kunsill, partikolarment xoghol ta' *graphic design* fuq tabelli tat-traffiku.

Riċentament ukoll, il-laqgħat tal-Kunsill bdew jiġu *streamed* live, permezz tal-internet.

Żgur li kull min ħadem fl-isfera tal-Kunsilli Lokali jista' japprezza x-xogħol voluminuż li jsir ta' kuljum. Minn hawn nirringrazzja lill-Kunsilliera sħabi, il-Viċi Sindku Ray Lanzon, il-Kunsillier Mark Causon, lill-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u lis-sur Charles Cesare, u lill-istaff amministrattiv immexxi mis-Segretarju Eżekuttiv is-sur Kevin Borg. Fuq nota personali, min-naħa tiegħi ninkoraġġikom tattendu għall-attivitajiet u tikkomunikaw mal-Kunsill anke permezz tal-paġna ta' Facebook li ukoll kien vara dan il-Kunsill fl-ewwel jiem tal-leġislatura. Jeħtieġ li nżommu kuntatt regolari bejnietna sabiex verament inkunu ta' servizz għal xulxin. F'dan ir-rigward l-interess ta' ħafna minnkom huwa tassew apprezzat.

Jibqa' l-fatt li ma nistgħu qatt ngħidu li ma fadalx xogħol xi jsir; dejjem hemm xogħol xi jsir - ċertament li kieku l-Kunsilli Lokali kellhom jingħataw fondi bla limitu konna nsibu fejn ninvestuhom. Madanakollu jeħtieġ naħdmu fil-limitazzjonijiet li għandna u nittamaw li l-operat tagħna,

b'għaqal, iħalli l-frott mixtieq, u b'sens ta' kuraġġ bħala Kunsill, inħarsu b'ottimiżmu lejn is-sena l-ġdida u l-isfidi li ser iġġib.

Intejbu fuq it-tajjeb, u naħdmu fejn waqajna lura – fittxuna, u ssibuna.

Grazzi.

**Avv. Dean Hili**
***Sindku***
**18 ta' Diċembru 2014**



582

Dok 4

# Kunsill Lokali Pembroke

## Estimi Annwali

**2015**

583

# Dħul u Infiq

## A. Riżultat għas-Sena 2014

Mis-sena finanzjarja Jannar - Diċembru 2014 fuq il-kotba tal-Banek baqa' bilanċ pożittiv ta' **€47,381.62**

## B. Dħul għas-Sena 2015.

Din is-sena l-Kunsill ser jiġi allokat is-somma ta' **€354,084.00** għas-sena finanzjarja 2014.

Huwa previst ukoll li jkun hemm dħul **€500.00** mill-iskema tal-libreriji, **€1,000** mill-permessi, **€100.00** minn sponsors, **€3,000.00** minn kummissjonijiet amministrattivi, **€300.00** minn bejgħ ta' dokumenti tat-tenders u **€360.00** f'imgħaxijiet tal-Bank, total globali ta' **€359,344.00**.

## Infiq għas-Sena 2015

L-Infiq inkluż il-ħlas tal-kontijiet pendenti huwa mqassam fuq tlett voti prinċipali li huma :-

1 **Pagi u Salarji,**
2 **Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra,**
3 **Infiq Kapitali.**

## 1. ***Pagi u Salarji :-***

Il-Kunsill qiegħed jimpjega l-'full complement' għalhekk qed jalloka **24.29%** ta' l-infiq kollu jigifieri **€87,000.00**. Dan l-ammont ser jiġi mqassam hekk :

I. *Onorarja tas-Sindku.* Stmat **€7,048.00.**

II. *Pagi u Salari ta' l-impjegati.* Stmat **€59,072.00**

III. *Bonus u Performance Bonus.* Stmat **€6,068.00**

IV. *Income Suppliments u Kontribuzzjonijiet Sigurta' Soċjali.* Stmat **€5,828.00**

V. *Allowance tas-Sindku u l-Kunsilliera.* Stmat **€6,400.00**

VI. *Sahra ta' l-iskrivani.* Stmat **€ 2,584.00**

## 2. Manutenzjoni u Xogħlijiet Oħra :-

Dan il-vot ser ikollu allokat **75.70%** mis-somma totali ta' l-infiq jiġifieri **€271,069.95.** Dan l-ammont ser jiġi mqassam hekk :

***a) Utilitajiet :***

Hawn jidħlu l-ħlasijiet għas-servizzi tad-dawl u l-ilma ta' l-uffiċċju tal-Kunsill, ta' Ġnien 4 ta' Lulju, Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta, il-Batterija ta' Pembroke kif ukoll għat-telefon, fax u linja ċellulari tal-Kunsill. Allokat **€6,038.00.**

***b) Xiri ta' Materjal :***

Hawn jidħol l-użu ta' materjal u affarijiet bżonjużi biex jiffunzjona l-Kunsill, affarijiet użati għat-tindif, uniformijiet u ħwejjeġ relatati. Allokat **€300.00.**

***c) Tiswijiet u Manutenzjoni :***

Tiswija u manutenzjoni ta' toroq u bankini, tabelli u marki tat-traffiku, l-uffiċċju amministrattiv kif ukoll spejjeż għat-tiswija u l-manutenzjoni ta' makkinarju u għamara ta' l-uffiċċju. Allokat **€54,700.00.**

***d) Kera :***

Ir-Renta tiġbor fiha spejjeż konnessi mal-kiri tal-lokal użat mill-Kunsill, art u bini. Allokat **€1,456.00.**

***e) Sħubija f'Assoċjazzjonijiet Internazzjonali :***

Kull kontribuzzjoni jew ħlas ta' sħubija li jitħallsu mill-Kunsill lill-Organizazzjonijiet. Dan jinkludi ħlas ta' membership fl-ECAD u miżati għas-seminars li jsiru għas-Sindki u Viċi Sindki Maltin. Allokat **€1,200.00.**

***f) Spejjeż ta' l-Uffiċċju :***

Hawn jidhru l-ispejjeż konnessi ma' l-uffiċċju, stampar, xiri ta' karti u 'envelopes' u ħtiġijiet oħra ta' l-uffiċċju, pustaġġ u xiri ta' xi dokumenti, provvista u printjar ta' flyers li jitqassmu fid-djar. Allokat **€3,995.00.**

***g) Trasport :***

Ħlasijiet għal ġarr ta' materjal, rimburzar ta' trasport u transport ta' persuni meta ssir xi attivita' f'Malta u f'Għawdex. Allokat **€1,250.00.**

***h) Vjaġġar u Safar :***

Vjaġġar fuq xogħol konness mal-Kunsill u li jinkludi parteċipazzjoni f'laqgħat Internazzjonali. Laqgħat Internazzjonali ta' l-European Cities Against Drugs li Pembroke huwa membru firmatarju. L-ammont allokat qed jiġi proġettat li jintefaq f'każ li l-Kunsill jipparteċipa f'xi proġett iffinanzjat mill-EU. Allokat **€000.00.**



584

### *i) Informazzjoni Għall-Pubbliku :*

Spejjeż konnessi mar-relazzjoni pubbliċi, spejjeż biex jinżammu laqgħat pubbliċi, reklamar, pubblikazzjonijiet tal-Kunsill, il-Home Page tal-Kunsill fuq l-Internet, fieri u esibizzjonijiet u spejjeż ta' librerija. Allokat **€3,030.00.**

### *j) Servizzi b'Kuntratt :*

Ġbir ta' skart, kiri ta' skips, knis ta' toroq, spejjeż konnessi mat-tindif tal-lokal tal-Kunsill, tindif u manutenzjoni ta' Ġonna u 'parks', tindif u manutenzjoni ta' wesgħat bil-ħaxix, poloz tas-sigurta', manutenzjoni tad-dwal tat-toroq, żamma u manutenzjoni ta' open areas u kuntratti oħra. Allokat **€166,750.45**.

### *k) Servizzi Professjonali :*

Servizz ta' Project Management, contracts manager, servizz ta' Avukat, servizz ta' Accountant, servizzi religjużi, xiri ta' servizz legali u ħlasijiet professjonali oħra. Allokat **€20,320.50.**

### *l) Training :*

Spejjeż għall-taħriġ t'impjegati tal-Kunsill u korsijiet tal-kompjuter. Allokat **€500.00.**

### *m) Ospitalita' u Servizzi lill-Komunita' :*

Spejjeż relatati m'attivitajiet soċjali u kulturali, konferenzi, viżiti minn delegazzjonijiet barranin, servizz lill-komunita', donazzjonijiet lill-entitajiet filantropiċi kif stabbilit fl-Att u s-sostenn ieħor. Żjarar biex jitkompla u jiġi mplimentat il-Ġemellaġġ ma' Pembroke Dock Town f'Wales, Pembroke Town f'Wales u Roccalumera fi Sqallija. Allokat **€11,430.00.**

### *n) Spejjeż Inċidentali :*

Spejjeż minimi li ma jagħmlux parti mill-lista hawn fuq imsemmija. Allokat **€100.00.**

## 3. <u>Infiq Kapitali :-</u>

Din is-Sena l-Kunsill qiegħed jalloka **0.00%** mit-total tad-dħul globali, jiġifieri **€0.00.** Dan l-ammont qed jiġi mqassam hekk :

### *a) Proġetti Speċjali :*

*I. Upgrading fil-lokal – Allokazzjoni ta' €0,000.00.*

## Konklużjoni

Mill-ispjegazzjoni ta' l-istima jidher ċar li l-Kunsill qiegħed jagħmel dak kollu possibbli sabiex iwettaq riżultati pożittivi għar-responsabilitajiet kollha li ngħatawlu skond il-Liġi tal-Kunsilli Lokali.

**Avv. Dean Hili**
**Sindku**

**Kevin Borg**
**Segretarju Eżekuttiv**



585

## 2.1 Consolidated Estimates of Income and Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | BUDGET 2014 Euro (c) | FORECAST 2014 Euro (b) | BUDGET 2015 Euro (c) | VAR BUD-BUD Euro (c-a/a-c) | VAR BUD-FORE Euro (c-b/b-c) |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Income** | | | | | |
| 0000 | Government | 357,584.00 | 377,436.00 | 354,584.00 | (3,000.00) | (22,852.00) |
| 0020 | Bye-laws | 4,687.10 | 11,634.78 | 4,400.00 | (287.10) | (7,234.78) |
| 0090 | Investment | 1,800.00 | 1,833.00 | 360.00 | (1,440.00) | (1,473.00) |
| | TOTAL | **364,071.10** | **390,903.78** | **359,344.00** | **(4,727.10)** | **(31,559.78)** |
| 1 | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal emoluments | 83,973.00 | 83,795.25 | 87,000.00 | 3,027.00 | (3,204.75) |
| 2000 | Operations and maintenance | 362,275.60 | 246,584.90 | 271,069.95 | (91,205.65) | (24,485.05) |
| 7000 | Capital Expenditure | 10,750.00 | 13,142.00 | 0.00 | (10,750.00) | 13,142.00 |
| | TOTAL | **456,998.60** | **343,522.15** | **358,069.95** | **(98,928.65)** | **(14,547.80)** |
| | **Balance** | **(92,927.50)** | **47,381.62** | **1,274.05** | **94,201.55** | **(17,011.97)** |

## 2.2 Detailed Estimates of Income

| ACCT NO. | DESCRIPTION | a BUDGET 2014 Euro | b FORECAST 2014 Euro | c BUDGET 2015 Euro | c-a VAR BUD-BUD Euro | c-b VAR BUD-FORE Euro |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | **Income** | | | | | |
| 0000 | Government | | | | | |
| 0001 | Annual | 354,084.00 | 354,083.00 | 354,084.00 | | 1.00 |
| 0002 | Supplementary | | 8,321.00 | | | -8,321.00 |
| 0003 | Special needs | 3,000.00 | 750.00 | 0.00 | (3,000.00) | (750.00) |
| 0004 | Public/government entities | | 0.00 | | | |
| 0015 | Other | 500.00 | 14,282.00 | 500.00 | | (13,782.00) |
| | | **357,584.00** | **377,436.00** | **354,584.00** | **(3,000.00)** | **(22,852.00)** |
| 0020 | Bye-Laws | | | | | |
| 0021 | Community Services | 587.10 | 1,407.78 | 1,000.00 | 412.90 | (407.78) |
| 0036 | Contravention of bye-laws | 0.00 | 0.00 | 0.00 | | |
| 0056 | Contributions and donations | 100.00 | 1,768.00 | 100.00 | | (1,668.00) |
| 0066 | General | 4,000.00 | 8,459.00 | 3,300.00 | (700.00) | (5,159.00) |
| | | **4,687.10** | **11,634.78** | **4,400.00** | **(287.10)** | **(7,234.78)** |
| 0090 | Investment | | | | | |
| 0091 | Bank Interest | 1,800.00 | 1,833.00 | 360.00 | (1,440.00) | (1,473.00) |
| 0096 | Government securities | | | | | |
| | | **1,800.00** | **1,833.00** | **360.00** | **(1,440.00)** | **(1,473.00)** |
| | **TOTAL** | **364,071.10** | **390,903.78** | **359,344.00** | **(4,727.10)** | **(31,559.78)** |

KEVIN ...



586

## 2.3 Detailed Estimates of Expenditure

| ACCT NO. | DESCRIPTION | c<br>BUDGET 2014 Euro | b<br>FORECAST 2014 Euro | c<br>BUDGET 2015 Euro | a-c<br>VAR BUD-BUD Euro | b-c<br>VAR BUD-FORE Euro |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **Expenditure** | | | | | |
| 1000 | Personal Emoluments | | | | | |
| 1100 | Mayor's allowance | 6,868.00 | 6,868.00 | 7,048.00 | (180.00) | (180.00) |
| 1200 | Employee salaries and wages | 56,875.00 | 57,496.75 | 59,072.00 | (2,197.00) | (1,575.25) |
| 1300 | Bonuses | 5,910.00 | 5,220.50 | 6,068.00 | (158.00) | (847.50) |
| 1400 | Income supplements | | 0.00 | 250.00 | (250.00) | (250.00) |
| 1500 | Social Security contributions | 5,420.00 | 5,422.00 | 5,578.00 | (158.00) | (156.00) |
| 1600 | Allowances | 6,400.00 | 6,400.00 | 6,400.00 | | |
| 1700 | Overtime | 2,500.00 | 2,388.00 | 2,584.00 | (84.00) | (196.00) |
| | | **83,973.00** | **83,795.25** | **87,000.00** | **(3,027.00)** | **(3,204.75)** |
| 2000 | Operations and maintenance | | | | | |
| 2100 | Utilities | 6,280.00 | 5,207.00 | 6,038.00 | 242.00 | (831.00) |
| 2200 | Materials and supplies | 1,050.00 | 823.50 | 300.00 | 750.00 | 523.50 |
| 2300 | Repair and upkeep | 118,450.00 | 44,795.50 | 54,700.00 | 63,750.00 | (9,904.50) |
| 2400 | Rent | 1,206.00 | 1,747.50 | 1,456.00 | (250.00) | 291.50 |
| 2500 | International memberships | 1,100.00 | 869.00 | 1,200.00 | (100.00) | (331.00) |
| 2600 | Office services | 4,295.00 | 3,642.75 | 3,995.00 | 300.00 | (352.25) |
| 2700 | Transport | 1,250.00 | 730.50 | 1,250.00 | | (519.50) |
| 2800 | Travel | 5,000.00 | 1,250.00 | 0.00 | 5,000.00 | 1,250.00 |
| 2900 | Information services | 4,660.00 | 3,189.00 | 3,030.00 | 1,630.00 | 159.00 |
| 3000 | Contractual services | 180,273.19 | 158,730.30 | 166,750.45 | 13,522.74 | (8,020.15) |
| 3100 | Professional services | 24,756.41 | 15,757.10 | 20,320.50 | 4,435.91 | (4,563.40) |
| 3200 | Training | 500.00 | 185.00 | 500.00 | | (315.00) |
| 3300 | Community and hospitality | 13,355.00 | 9,223.75 | 11,430.00 | 1,925.00 | (2,206.25) |
| 3400 | Incidental expenses | 100.00 | 416.00 | 100.00 | | 316.00 |
| 3600 | LES Related expenditure | 0.00 | 18.00 | 0.00 | | 18.00 |
| | | **362,275.60** | **246,584.90** | **271,069.95** | **91,205.65** | **(24,485.05)** |
| 7000 | Capital Expenditure | | | | | |
| 7001 | Acquisition of property | | | | | |
| 7100 | Construction | 0.00 | | 0.00 | | |
| 7200 | Improvements | 10,000.00 | 10,139.00 | 0.00 | 10,000.00 | 10,139.00 |
| 7300 | Equipment | 750.00 | 3,003.00 | 0.00 | 750.00 | 3,003.00 |
| 7500 | Special programmes | 0.00 | 0.00 | 0.00 | | |
| | | **10,750.00** | **13,142.00** | **0.00** | **10,750.00** | **13,142.00** |
| | **TOTAL** | **456,998.60** | **343,522.15** | **358,069.95** | **98,928.65** | **(14,547.80)** |

[illegible]